# INFORMATION SHEET JANNAR 2012

IKUN IMFAĦĦAR ĠESÙ KRISTU!

AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA
ISTITUT KATTOLIKU
FLORIANA FRN 1441
TEL: 21 222239/21 237031
Website: www.akmalta.org
Email: infosheet@akmalta.org

JANNAR 2012 NUMRU 272 NEWSPAPERPOST

**MADWARNA**

**Tesserament Ċentrali:** Stedina għad-Diriġenti Ċentrali, jiġifieri l-membri kollha tad-Direttorju Ġenerali, Kunsilli u Kummisjonijiet kollha għat-Tesserament Ċentrali nhar is-Sibt 7 ta' Jannar 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija. Aktar dettalji f'pagna 3.

**Għajnuna lill-Amministrazzjoni:** Grazzi liċ-Ċirkolu tan-Nisa taż-Żurrieq li ġentilment offra 50 ewro għall-ispejjes kbar li għandha l-amministrazzjoni tal-AKM. Fl-iskola tal-Appostolat ta' Diċembru l-ġabra kienet ta' 42 ewro. Inħeġġeġ liċ-ċirkoli tal-adulti biex din is-sena wkoll jieħdu ħsieb jorganizzaw attivà b'risq l-AKM, niddependu ħafna mill-ġenerożità tagħkom.

**Servizz Ekumeniku**: Matul il-Ġimgħa ta' Talb għall-għaqda tal-Insara fid-19 ta' Jannar 2012 il-Kummissjoni Ekumenika tal-Knisja f'Malta se torganizza Servizz Ekumeniku fis-St Paul's Pro-Cathedral, Valletta li jibda fis-6.30 ta' filgħaxija. Matul dan is-servizz insara ta' denominazzjonijiet diversi jinġabru biex jitolbu flimkien.

**50 Sena mill-Konċilju Vatikan II:** Ħamsin sena ilu, eżattament fil-Milied tal-1961, il-Papa Ġwanni XXIII, iffirma l-Kostituzzjoni Appostolika *Humanae Salutis,* li biha sejjaħ il-Konċilju Vatikan II. Ħadu sehem fih 2625 Isqof minn madwar id-dinja kollha u wara aktar minn tliet snin ta' laqgħat, kienu ppubblikati sittax-il dokument.

Għadda kważi nofs seklu, iżda dawn id-dokumenti għad għandhom importanza kbira għall-Knisja tal-lum u għalhekk fi ftit żmien ieħor, is-Segretarjat għal-Lajċi se jorganizza sensiela ta' laqgħat dwar il-Konċilju Vatikan II u d-dokumenti ppubblikati minnu. Jekk tixtieq tattendi ikteb emajl fuq lajċi@maltadiocese.org

Carmen Agius
President Ġenerali

# PROGRAMM GĦAX-XAHAR TA'

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | **JANNAR 2012** | |
| Ħamis | 5 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 5 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Sibt | 7 | Dirigenti Kollha | Tesserament Ċentrali - *dettalji f'pagna 3* |
| Tlieta | 10 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettawali I - *dettalji aktar tard* |
| Tlieta | 10 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Tlieta | 10 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 12 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Tnejn | 16 | Fergħa Rġiel | Laqgħa għall-Membri tal-Kunsilli u Presidenti taċ-Ċirkoli fil-5.30 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 19 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħadd | 22 | ŻAK | Support Group @ 10 ta' filgħodu |
| Tlieta | 24 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 25 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali II - *dettalji aktar tard* |
| Ġimgħa | 27 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |
| | | **FRAR 2012** | |
| Ħamis | 2 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 2 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 2 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |

## Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità



Fix-xahar ta' Jannar, il-Programm ***Solidarjetà*** se jixxandar fid-dati li ġejjin:

2, 9, 16, 23 u 30.

Napprezzaw ħafna meta nirċievu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom għall-programm.

# STEDINA



## TESSERAMENT ĊENTRALI

Lid-Diriġenti Ċentrali,

Reġà wasal iż-żmien li niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù Bambin u kif tafu fl-istess żmien niltaqgħu flimkien għat-Tiġdid tal-wegħda tal-Impenn tad-Diriġenti Ċentrali.

Għaċ-Ċerimonja tat-Tesserament tal-2012 se niltaqgħu nhar **is-Sibt, 7 ta' Jannar 2012**. Il-Quddiesa tal-okkażjoni tibda fis-6.00 ta' filgħaxija f'Sala Mons. Gonzi fl-Istitut Kattoliku, l-Floriana.

Wara l-Quddiesa tat-Tesserament ikollna ċans li nagħtu l-awguri tagħna lil xulxin għas-Sena l-Ġdida 2012 u fl-istess ħin nieħdu xi ħaġa flimkien.

Għal din l-okkażjoni huma mistiedna wkoll in-nisa u l-irġiel tal-membri tad-Direttorju, tal-Kunsilli, tal-Movimenti u tal-Kummissjonijiet biex niċċelebraw flimkien bħala familja waħda.

Id-Direttorju jixtieq ifakkar lid-Diriġenti Ċentrali kollha li huma għandhom id-dmir li jagħmlu sforz sabiex jattendu għall-okkażjonijiet kollha li jiġu organizzati ċentralment, fosthom dan it-Tesserament, iċ-Ċenakli, il-Laqgħa Ġenerali Annwali, l-Assemblea Ġenerali u oħrajn.

**Hu importanti li min ma jkunx jista' jattendi għandu ġentilment iċempel lis-Segreterija fuq numru 21222239.**

Filwaqt li nawguraw lil kulħadd l-isbaħ xewqat għal Milied ħieni u Sena Ġdida mimlija risq, in-ħeġġukom li tattendu sabiex flimkien insaħħu l-għaqda ta' bejnietna fl-impenn tagħna fix-xogħol li l-Mulej afdalna f'idejna.

Adrian Leone Ganado

Segretarju Ġenerali.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI

### Attività Lir-Residenti Djar Tal-Knisja Tal-Anzjani

### High Tea u Get Together

Fil-bidu ta' kull Sena Ġdida, is-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika jistieden l-Anzjani tad-Djar Residenzjali tal-Knisja għall-**High Tea u Get Together.**

Din l-attività ssir bil-kollaborazzjoni tal-Uffiċċju Djoċesan għad-Djar tal-Anzjani tal-Knisja.

Il-Programm huwa hekk:

3.30 p.m. Niltaqgħu lkoll flimkien

3.45 p.m. High Tea

Varjetà: Kant u Ċajt; jieħdu sehem Benny u Tonia, u Tonio Vella l-Majsi.

5.30 p.m. Rigali bix-xorti

6.00 p.m. Tmiem.



Post: **TOPAZ** Hotel, Triq l-Erba' Mwieżeb, Buġibba, S. Pawl il-Baħar

Data: **Il-Ħamis, 12 ta' Jannar 2012**

Is-Segretarjat Assistenza Soċjali jipprovdi t-trasport lid-Djar Residenzjali li m'għandhomx il-minibuses tagħhom. It-trasport jgħaddi għalihom fit-3.00 p.m.

## SERVIZZ BIL-MINIBUSES



Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.

Ċemplu fuq **21 654374** u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur John Carabott jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile No:* **79226488**. F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS 21220286 u agħmlu l-booking tagħkom.

**NEWSPAPER POST**

*AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA*

*ISTITUT KATTOLIKU*

*FLORIANA FRN 1441*

## LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA—FLORIANA

Wieħed isib ukoll:

Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra. Jist-għu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.

**Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar, 4 sas-7.30 ta' filgħaxija u s-Sibt filgħodu biss. Tel: 21 237031**

Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.